# KNEJJES F'GĦAWDEX IDDEDIKATI LILL-MADONNA

Il-knejjes kbar u żgħar f'Għawdex li jqimu lill-Madonna taħt id-diversi titoli tagħha, bħal dawk ta' Malta, jixhdu d-devozzjoni b'għeruq fondi fl-imgħoddi mbiegħed. Il-parroċċi tal-Katidral, taż-Żebbuġ, ta' Kerċem, ta' Għajnsielem, ta' l-Għarb u tax-Xagħra għandhom festi titulari Marjani.

Il-Katidral hu s-santwarju Marjan ewlieni fil-gżira ta' Għawdex. Il-kwadru titulari ta' Marija Assunta sar fl-1791 mill-pittur Mikiel Busuttil, l-istatwa ngabet mill-Italja fl-1897. Kwadri oħra b'temi Marjani jinsabu wkoll f'dan it-tempju, fosthom tnejn ta' Busuttil – It-Tnissil Bla Tebgħa ta' Marija u t-Twelid tal-Madonna.

Fl-1687 kienet ġa teżisti fiż-Żebbuġ knisja żgħira ddedikata lill-Madonna Mtella' s-Sema. Meta flokha nbniet oħra ġdida, Francesco de Domenicis penġa l-kwadru li juri l-Madonna nkurunata mit-Trinità. Kwadri oħra huma l-Purifikazzjoni tal-Madonna ta' Zammit, is-Sagra Familja ta' Monti u tar-Rużarju ta' Caruana Dingli. L-istatwa sabiħa ta' l-Assunta saret barra minn Malta.

Ir-raħal ta' Kerċem hu ddedikat lill-Madonna tas-Sokkors. Il-kwadru titulari li sar f'Ruma fl-1854 hu tal-pittur Għawdxi Salvu Busuttil. L-istatwa ta' l-injam nħadmet f'Għawdex mill-iskultur minn Messina Lo Turco fl-1891. Il-parroċċa ta' Għajnsielem tiċċelebra l-festa tal-Madonna ta' Loreto u dik tax-Xagħra tal-Bambina. Is-santwarju Marjan tax-Xagħra hu mill-isbaħ b'xogħolijiet ta' pitturi bħal G. Calì, V. Monti, A. Falzon u F. Zahra. L-istatwa tal-Bambina saret f'Marsilja fl-1873, il-kwadru titulari hu ta' Carlo Gimach (1774). Ta' min isemmi kwadri oħra marbutin mal-Madonna, bħal Il-Madonna tad-Dawl u Tal-Karmelu ta' Francesco Zahra, Il-Ħarba fl-Eġittu ta' Ġużeppi Bonnici, Il-Lunzjata u L-Inkoronazzjoni ta' Antonio Falzon, Il-Kunċizzjoni u Il-Preżentazzjoni tal-Madonna u L-Arzella ta' Ġużeppi Calì u oħrajn ta' Vincenzo Monti fosthom il-koppla. Il-kolleġjata ta' l-Għarb ilha tiċċelebra l-festa taż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta mill-1675.

Fir-Rabat (Victoria) hemm numru ta' knejjes oħra b'dedika lill-Madonna. Waħda qadima fl-imgħoddi wkoll parroċċa, hija dik bħala ta' Savina illi tqim it-Twelid ta' Marija. Il-kwadru titulari fil-kappella qadima f'Wied il-Lunzjata hu ta' Luca Garnier u juri t-tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lill-Madonna. It-titular tal-Knisja ta' Ħamet hu xogħol Tumas Madiona u jirrappreżenta Il-Madonna tal-Karmnu. Fil-kappella ta' Dar Manresa hemm kwadru sabiħ ta' Ġużeppi Hyzler li hu magħruf bħala Il-Madonna ta' Manresa. Fil-knisja tal-Kabuċċini, il-kwadru ta' Stiefnu Erardi juri l-Madonna tal-Grazzji. Insibu wkoll fir-Rabat il-kappella tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tas-sorijiet Franġiskani u dik tar-Rużarju tas-sorijiet Dumnikani bi kwadru kopja tal-Madonna ta' Pompei minn Lazzru Pisani.

F'Wied l-Għasri knisja żgħira għandha bħala titular il-Patroċinju tal-Madonna. Is-santwarju ta' Ta' Pinu nbena flok kappella qadima ppofonata fl-1575 minn Mons. Dużina. Illum hu santwarju Marjan għażiż. Il-kwadru meqjus bħala mirakoluż hu xogħol ta' Amadeo Perugino u sar fl-1619. Fl-Għarb hemm knisja qadima tal-Viżitazzjoni, magħrufa wkoll bħala taż-Żejt, illi l-kwadru tagħha li sar fl-1651 juri lill-Madonna u lil San Ġużepp jiġu milqugħin minn Santa Eliżabetta u Zakkarija. Insibu f'din il-knisja vintaltar qadim tal-ġild (1640) li fih xbiha tal-Madonna tgħannaq lil Santa Eliżabetta.

Knejjes oħra Marjani huma dik tax-Xlendi tal-Madonna tal-Karmnu bi kwadru ta' Micallef, tas-sorijiet Franġiskani fin-Nadur ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, oħra fix-Xewkija bi kwadru ta' Ġannikol Buhagiar li juri l-Madonna tal-Ħniena, il-knisja tal-Madonna ta' Lourdes f'Għajnsielem, u s-santwarju tal-Qala tal-Kunċizzjoni u oħra fl-istess raħal bħala tal-Kunċizzjoni tal-Blat. Il-kappella f'Kemmuna għandha bħala titular Il-Ħarba tal-Madonna fl-Eġittu. Dawn it-tempji kbar u żgħar jixhdu d-devozzjoni li kellhom u għad għandhom l-Għawdxin lejn il-Madonna. ■

